# WAĦDI ...

Sabiħ huwa s-sema x'ħin kollu kaħlani
U mimli bil-kwiekeb iħares daħqan;
Sabiħ huwa l-qamar x'ħin b'dawlu bajdani
Ilellex u jiddi, mill-għoli, ferħan.

X'ferħ tnissel ġo fina tar-riħ ħelwa l-fewġa,
Hekk kif mellisija bewsitha tmur tħoll;
U ġmielha turina fil-qamar il-mewġa,
Hekk kif ferriħija tmur tgħannaq l-iskoll.

'Ma x'tiswa għalija dis-saltna tal-ħlewwa,
X'qatt tiswa din l-hena l'għamilli l-Ħallieq,
Jekk jiena fid-dwejjaq, fin-niket u d-dnewwa
Ngħix ħiemed, waħdini, fil-biki w l-ilfieq?

Jekk aħna weħidna le nkunu flimkien,
Għalxejn bi sbuħitu jdawwarni l-ħolqien!

28—4—31 CARM. VELLA.